**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Nru. 651/2021 NC**

**George Degiorgio u Alfred Degiorgio**

**vs.**

**L-Avukat Ġenerali,**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta'**

Illum 12 ta' Ottubru 2021

Il-Qorti,

Rat l-atti processwali kif assenjati lil din il-Qorti.

Illi tinnota li meta l-Gudikant li qed jippresjedi din il-Qorti kien ghadu Magistrat ftit tax-xhur ilu kien il-Magistrat Inkwirenti li kien qed imexxi l-investigazzjoni fil-qtil tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia.

Illi tinnota li bhala Magistrat Inkwirenti kellu rwol attiv ferm fl-investigazzjoni msemmija hawn fuq, fejn gew interrogati

diversi persuni u fejn bhala Magistrat Inkwirenti kien (u ghadu) a konoxxenza ta' fatti li jirrigwardaw l-istess investigazzjoni.

Illi l-Qorti tagħraf li jista' jkun hemm ċirkustanzi fejn, minkejja li raġuni għall-astensjoni jew ir-rikuża ta' Ġudikant ma tkunx taqa' taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, jista' jkun hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex il-Ġudikant li jkun ma jibqax jisma' kawża u dan biex jitħares tabilħaqq il-jedd ta' smigħ xieraq ta' xi waħda mill-partijiet fil-kawża li jkun hemm quddiemha.

Peress illi jeżistu raġunijiet validi fil-liġi kif jipprovdi Artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kif preseduta qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża odjerna u qiegħda tirrimetti l-atti lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex din il-kawża tiġi assenjata quddiem din il-Qorti kif diversament ippreseduta.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**